BANK ĊENTRALI EWROPEW

# PROĠETTAZZJONIJIET MAKROEKONOMIĊI TA' L-ISTAFF TAL-BĊE GĦAŻ-ŻONA TA' L-EURO

Abbażi tat-tagħrif disponibbli sad-19 ta' Awwissu 2005, l-istaff tal-BĊE ħejja l-proġettazzjonijiet għall-iżviluppi makroekonomiċi fiż-żona ta' l-euro.[1]

Il-proġettazzjonijiet ta' l-istaff tal-BĊE huma bbażati fuq konġetturi dwar ir-rati ta' l-imgħax, ir-rati tal-kambju, il-prezzijiet taż-żejt, il-kummerċ dinji barra ż-żona ta' l-euro u l-politika fiskali. B'mod partikolari, ssir il-konġettura teknika li r-rati ta' l-imgħax tas-suq fuq żmien qasir u r-rati tal-kambju bilaterali jkunu ser jibqgħu l-istess matul il-perijodu tal-proġettazzjoni, fil-livelli kurrenti matul l-ewwel ġimgħatejn ta' Awwissu. Il-konġetturi tekniċi dwar ir-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil u l-prezzijiet kemm taż-żejt kif ukoll tal-prodotti li ma jipproduċux enerġija huma bbażati fuq l-aspettattivi tas-suq ta' nofs Awwissu.[2] Konġetturi ta' politika fiskali huma bbażati fuq pjanijiet ta' l-estimi nazzjonali fil-pajjiżi individwali taż-żona ta' l-euro. Dawn jinkludu l-miżuri kollha tal-politika li diġà ġew approvati mill-parlament jew li kienu speċifikati fid-dettall u li x'aktarx ser jgħaddu mill-proċess leġislattiv.

Sabiex tiġi riflessa l-inċertezza dwar il-proġettazzjonijiet, jintużaw skali li jippreżentaw ir-riżultati għal kull fattur varjabbli. L-iskali huma bbażati fuq id-differenzi bejn ir-riżultati attwali u l-proġettazzjonijiet li jkunu saru qabel matul għadd ta' snin. Il-medda ta' l-iskali hi d-doppju tal-valur medju assolut ta' dawn id-differenzi.

## KONĠETTURI DWAR L-AMBJENT INTERNAZZJONALI

L-ambjent estern taż-żona ta' l-euro mistenni jibqa' favorevoli fl-2005 u l-2006. It-tkabbir tal-PGD reali fl-Istati Uniti għandu jibqa' qawwi, għalkemm jikber b'rati kemmxejn iżjed baxxi minn dawk ta' l-2004. It-tkabbir tal-PGD reali fl-Asja, minbarra l-Ġappun, mistenni jibqa' ogħla sew mill-medja globali, iżda iżjed baxx minn dak ta' dawn l-aħħar snin. It-tkabbir fil-biċċa l-kbira ta' l-ekonomiji l-kbar hu pproġettat li jibqa' dinàmiku.

It-tkabbir annwali fil-PGD reali dinji barra ż-żona ta' l-euro hu stmat li jilħaq medja ta' madwar 4.8% fl-2005 u 4.6% fl-2006. It-tkabbir fis-swieq ta' l-esportazzjoni esterna taż-żona ta' l-euro hu pproġettat li jkun madwar 7.1% fl-2005 u 7.2% fl-2006.

## PROĠETTAZZJONIJIET GĦAT-TKABBIR FIL-PGD REALI

L-istima preliminari ta' l-Eurostat għall-PGD reali taż-żona ta' l-euro fit-tieni trimestru ta' l-2005 tindika tkabbir trimestrali ta' 0.3%. Hu pproġettat li t-tkabbir se jiżdied xi ftit mill-aħħar sitt xhur ta' din is-sena 'l quddiem. Il-previżjonijiet jantiċipaw li t-tkabbir medju annwali tal-PGD reali se tkun bejn 1.0% u 1.6% fl-2005, u bejn 1.3% u 2.3% fl-2006. Bis-saħħa tad-domanda esterna li meqjusa li tibqa' qawwija, it-tkabbir fl-esportazzjoni hu mistenni li jkompli jsostni l-attività ekonomika matul il-perijodu, waqt li d-domanda domestika għandha tissaħħaħ ftit ftit.

---

1 Il-proġettazzjonijiet ta' l-istaff tal-BĊE jikkomplementaw il-proġettazzjonijiet makroekonomiċi ta' l-istaff ta' l-Ewrosistema li jsiru darbtejn fis-sena minn esperti tal-BĊE flimkien ma' esperti mill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona ta' l-euro. Il-metodi tekniċi wżati huma konsistenti ma' dawk tal-proġettazzjonijiet ta' l-istaff ta' l-Ewrosistema kif imfissra fil-"Gwida għall-eżerċizzji ta' proġettazzjoni makroekonomika ta' l-istaff ta' l-Ewrosistema", BĊE, Ġunju 2001.

2 Għalhekk wieħed jassumi li r-rati ta' l-imgħax fuq żmien qasir kif imkejla mill-EURIBOR ta' tliet xhur, jibqgħu kostanti fil-livell ta' 2.12% matul il-perijodu tal-proġettazzjoni. Il-konġettura teknika ta' rati tal-kambju kostanti timplika li r-rata tal-kambju EUR/USD tibqa' fil-livell ta' 1.22 matul il-perijodu tal-proġettazzjoni u li r-rata tal-kambju effettiva ta' l-euro fl-2005 hi 0.1% ogħla mill-medja għall-2004 u fl-2006 tkun 0.8% iżjed baxxa mill-istess medja. L-aspettattivi tas-suq għall-qligħ nominali fuq bonds tal-gvern ta' għaxar snin fiż-żona ta' l-euro jfissru żieda żgħira minn medja ta' 3.5% fl-2005 għal medja ta' 3.7% fl-2006. Iż-żieda fil-prezzijiet medji annwali f'USD ta' prodotti li ma jipproduċux enerġija hi meqjusa li tkun 6.4% fl-2005 u 2.4% fl-2006. Abbażi ta' l-iżvilupp indikat mis-swieq tal-kuntratti ta' xiri fil-futur, il-prezzijiet medji annwali taż-żejt meqjusa li jkomplu jiżdiedu, minn USD 55.3-il barmil fl-2005 għal USD 62.8-il barmil fl-2006.

Il-konsum privat hu pproġettat li jkompli jikber skond id-dħul reali disponibbli, li għandu jiġi sostnut minn żieda fl-impjiegi. Madankollu, it-tkabbir fil-konsum mistenni li jonqos, l-iżjed minħabba ż-żieda fil-prezzijiet taż-żejt u t-tifdil li jsir bħala prekawzjoni u li hu kkawżat mit-tħassib bla waqfien dwar l-iżviluppi fil-finanzi pubbliċi u l-prospetti fuq żmien itwal għas-sistemi tal-kura tas-saħħa pubblika u tal-pensjonijiet. Fl-istess ħin, it-tkabbir fl-investiment fiss totali mistenni li jirkupra mill-pożizzjoni dgħajfa ta' dan l-aħħar, billi l-investiment fin-negozju għandu jibbenefika minn domanda esterna qawwija u eventwalment għandu jirreaġixxi għall-kondizzjonijiet favorevoli ta' kreditu u għall-qligħ qawwi tal-kumpanniji. L-investiment privat tar-residenti hu pproġettat li jkompli jikber b'rata moderata matul il-perijodu. Billi d-domanda domestika x'aktarx se tħeġġeġ tkabbir fl-importazzjoni, il-kummerċ nett ftit mistenni jikkontribwixxi għat-tkabbir tal-PGD reali matul il-perijodu tal-proġettazzjoni.

## PROĠETTAZZJONIJIET DWAR PREZZIJIET U SPEJJEŻ

Ir-rata medja taż-żieda fl-HICP kollu hi pproġettata li tkun bejn 2.1% u 2.3% fl-2005, u bejn 1.4% u 2.4% fl-2006. Il-ftit tnaqqis fl-inflazzjoni ta' l-HICP fl-2006 hu kkaġunat prinċipalment, mit-trattament statistiku ta' riforma fil-kura tas-saħħa proposta fl-Olanda, li hi stmata li se tikkontribwixxi -0.2 punti perċentwali. Dan jirrifletti wkoll il-konġettura ta' inflazzjoni iżjed baxxa fil-prezz ta' l-enerġija u ta' rata iżjed baxxa ta' bidliet fil-prezzijiet ta' prodotti importati fl-2006.

It-tkabbir fil-kumpens nominali għal kull impjegat matul il-perijodu mistenni li jibqa' moderat. Dan mhux biss jieħu kont ta' ftehim kurrenti dwar il-pagi u t-titjib proġettat, għalkemm żgħir, fil-kondizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, iżda jinkorpora wkoll il-konġettura li ż-żieda qawwija fil-prezzijiet taż-żejt ma jkollha l-ebda effetti indiretti sinifikanti fuq il-kumpens nominali. Il-proġettazzjonijiet għat-tkabbir tal-PGD reali u għall-impjieg ifissru li l-produttività ta' l-impjieg se tiżdied ftit ftit. Bħala riżultat ta' l-iżviluppi fil-pagi u l-produttività, tkabbir fl-ispiża għal kull unità tax-xogħol mistenni li jibqa' relattivament ikkontrollat kemm fl-2005 kif ukoll fl-2006.

### Tabella A. Proġettazzjonijiet makroekonomiċi għaż-żona ta' l-euro

(bidliet perċentwali annwali medji)[1)]

| | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|
| HICP | 2.1 | 2.1 – 2.3 | 1.4 – 2.4 |
| | | | |
| PGD reali | 1.8 | 1.0 – 1.6 | 1.3 – 2.3 |
| Konsum Privat | 1.3 | 1.1 – 1.5 | 0.7 – 1.9 |
| Konsum tal-gvern | 1.4 | 0.6 – 1.6 | 1.1 – 2.1 |
| Formazzjoni ta' kapital gross fiss | 1.4 | 0.4 – 2.0 | 1.3 – 4.5 |
| Esportazzjoni (prodotti u servizzi) | 5.9 | 2.4 – 5.2 | 4.6 – 7.8 |
| Importazzjoni (prodotti u servizzi) | 6.1 | 2.2 – 5.2 | 4.3 – 7.7 |

1) Għal kull fattur varjabbli u perijodu ta' żmien, l-iskali huma bbażati fuq id-differenza medja assoluta bejn ir-riżultati attwali u l-proġettazzjonijiet ta' qabel tal-banek ċentrali taż-żona ta' l-euro. Il-proġettazzjonijiet għall-PGD reali u l-komponenti teigħu jirreferu għad-data aġġustata skond il-ġranet tax-xogħol.

## TQABBIL MAL-PROĠETTAZZJONIJIET TA' ĠUNJU 2005

Meta mqabbla mal-proġettazzjonijiet makroekonomiċi ta' l-istaff ta' l-Ewrosistema ppubblikati fil-ħarġa ta' Ġunju 2005 tal-Bullettin ta' Kull Xahar, l-iskali pproġettati għat-tkabbir fil-PGD reali fl-2005 u l-2006 ġew aġġustati ftit 'l isfel. Għall-2005, dan jirrifletti prinċipalment reviżjonijiet żgħar 'l isfel tad-data ta' l-imgħoddi, u għall-2006, jirriflettu prinċipalment l-effett ta' żidiet fil-konġetturi għall-prezzijiet taż-żejt fuq id-dħul reali disponibbli.

L-iskali pproġettati għar-rati annwali ta' żieda fl-HICP totali għall-2005 u l-2006 ġew spostati 'l fuq meta mqabbla mal-proġettazzjonijiet ta' Ġunju 2005. Dan jirrifletti prinċipalment iż-żieda msemmija hawn fuq fil-konġetturi għall-prezzijiet taż-żejt kemm għall-2005 kif ukoll għall-2006. Dawn jimplikaw kontribuzzjoni akbar tal-komponent ta' l-enerġija għall-HICP totali, filwaqt li l-proġettazzjonijiet għall-komponent li mhux ta' l-enerġija baqgħu il-biċċa l-kbira kif kienu meta mqabbla mal-proġettazzjonijiet ta' Ġunju.

## Tabella B. Tqabbil ta' proġettazzjonijiet makroekonomiċi għaż-żona ta' l-euro

(bidliet fil-persentaġġ medju annwali)

| | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|
| HICP - Ġunju 2005 | 2.1 | 1.8 – 2.2 | 0.9 – 2.1 |
| HICP – Settembru 2005 | 2.1 | 2.1 – 2.3 | 1.4 – 2.4 |
| | | | |
| PGD reali – Ġunju 2005 | 1.8 | 1.1 – 1.7 | 1.5 – 2.5 |
| PGD reali – Settembru 2005 | 1.8 | 1.0 – 1.6 | 1.3 – 2.3 |

**© Bank Ċentrali Ewropew, 2005**

**Indirizz:** Kaiserstrasse 29, 60311 Frankfurt am Main, Ġermanja

**Indirizz postali:** Postfach 16 03 19, 60066 Frankfurt am Main, Ġermanja

**Telefon:** +49 69 1344 0

**Faks:** +49 69 1344 6000

**Sit Internet:** http://www.ecb.int

*Id-drittijiet kollha riżervati.*
*Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hi permessa bil-patt li jiġi rikonoxxut is-sors.*